**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-vs-**

**Hasan Aboud detentur tal-karta ta' l-identita 0157005A**

*Kumpilazzjoni Nru.622/2022*

Illum, 2 ta' Novembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Hasan Aboud** u ċioe talli:

Nhar it- 23 t' Ottubru 2022 u fil-granet, ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa San Giljan, u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda -

1. Ikkaġuna lill-mara tieghu u cioe' **Selo Soumaya**, li tigi wkoll omm it-tfal tieghu *Abdu Rahman Aboud* u *Marah Aboud*, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xihadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, u dana meta kien qed ikun tali fil-prezenza ta' l-imsemmija minuri u waqt li kien qed jghix maghhom

2. Uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel taghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew izola jew illimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment tal-mara tieghu u cioe' **Selo Soumaya** li tigi wkoll

omm it-tfal tiegħu *Abdu Rahman Aboud* u *Marah Aboud* u dana meta kien qed ikun tali fil-prezenza ta' l-imsemmija minuri u waqt li kien qed jghix magghom.

U iktar talli bejn id-dati ta' l- 14 t'Ottubru 2022 u t- 23 t'Ottubru 2022 gewwa San Giljan:

3. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill- mara tieghu u cioe' **Selo Soumaya**, li tigi wkoll omm it-tfal tieghu *Abdu Rahman Aboud* u *Marah Aboud*, kontra l-volonta' taghha

   U iktar talli nhar l- 14 t'Ottubru 2022 bejn il-hinijiet ta' 16:00hrs u 17:00hrs gewwa 92, Flat 21A, Triq Lapsi, San Giljan:

4. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' **Selo Soumaya** f'periklu car, u fil-prezenza taz-zewg minuri *Abdu Rahman Aboud* u *Marah Aboud*, volontarjament, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-mara tieghu l-istess **Selo Soumaya** li tigi omm it-tfal tieghu *Abdu Rahman Aboud* u *Marah Aboud*, hekk kif iccertifikatha Dr. Eleanore Cricchiola (Med Reg 6486) mic-Centru tas-Sahha tal- Furjana

5. Ħebb għal mara tieghu **Selo Soumaya** sabiex jinġurjaha, iddejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod

6. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil mara tieghu **Selo Soumaya**

7. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipporovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

   U iktar talli nhar it- 23 t' Ottubru 2022 bejn 12:00hrs u 13:00hrs gewwa San Giljan:

8. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil mara tieghu **Selo Soumaya**

Il-Qorti ġiet mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Hasan Aboud** a beneficju ta' **Selo Soumaya** u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' **Selo Soumaya** u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Hasan Aboud** b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et

seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Hasan Aboud** sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma illum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fatt li l-parte leża mhix tinsisti għall-piena karċerarja iżda trid biss li l-imputat ma javviċinahiex aktar għajr sabiex jeżerċita d-drittijiet tiegħu t'aċċess għall-minuri uliedhom, tal-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

Ġie ikkunsidrat li fir-rigward it-tieni w it-tielet imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta-reati, filwaqt li l-ewwel imputazzjoni hi assorbita bit-tieni imputazzjoni kontemplata bl-artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali u mhux bl-artikolu 251B liema dispożizzjoni tirrikjedi imġieba.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(h), 202(h)(iv)(v)(vi)(i), 214, 221(1), 222(1)((a), 251, 251H(a)(b)(d), 251HA, 339(1)(d)(e)(h) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha w tikkundannah għal piena ta' **sentejn (2) priġunerija** ta' li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tletin (30) xahar millum.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż relatati mal-inkarigu mogħti lil Dr. Mario Scerri.

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Selo Soumaya għal żmien tlett snin m'illum b'dan illi dan ma jservix ta' preġudizzju għad-drittijiet tiegħu bħala missier tal-minuri uliedu.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Il-Qorti, sabiex tiġi protetta l-identità tal-vittma, tordna li ismijiet tal-imputat u tal-istess vittma ma jiġux pubblikati fuq il-mezzi tal-media.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**